**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**
**vs**
**- omissis -**

**Illum, 15 ta' Ottubru 2016**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra – omissis -;

Akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer gewwa Wied il-Ghajn, f'gurnata matul ix-xhur ta' bejn Mejju u Lulju 2016:

Ippartecipajt f'attivitajiet sesswali ma' persuna taht l-età u cioé - omissis -. (*Art 204Ċ. (1) ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.)*

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk

ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta *(Art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).*

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurtà tal-persuna hawn fuq imsemmija kif ukoll ghall-familjari taghha.

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 (C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikunsidra il-posizzjoni tieghu, u din l-ammissjoni giet debitament registrati fil-verbal tal-lum stess fl-atti tal-kawza odjerna;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat,

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati;

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qieghed jinstab hati l-imputat u l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u bl-applikazzjoni ta' l-istess Artikolu tal-Ligi qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum. Il-Qorti informata illi l-imputat huwa gja segwit mill-Agenzija Appogg u tordna li matul dawn it-tlett snin l-imputat ikompli jigi segwit mill-Agenzija Appogg u jinghata l-assistenza kollha li jista' jkollha bzonn ghall-ahjar edukazzjoni u zvilupp holistiku tieghu. U ghal dan il-ghan tordna komunika lill-Agenzija Appogg.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur